MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 420/2009

**Emanuel sive Noel Bugeja, Joseph Bugeja, Maria Dolores sive Doreen Ciantar, Claire Agius**

***kontra***

**Carmelo sive Lino Bugeja, u b`digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 giet kjamata fil-kawza Alexandra Mary sive Sandra Falzon**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-5 ta` Mejju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi missier il-partijiet kollha, Carmelo Bugeja, matul iz-zwieg tieghu ma` Maria Concetta, kien akkwista l-*

*fond Josette, bin-numru 6, Triq il-Mingel, Attard, liema fond kien gie stabbilit minn Carmelo u Maria Concetta bhala d-dar matrimonjali taghhom ;*

*2. Illi Maria Concetta Bugeja mietet nhar it-30 ta` Settembru 2002, waqt li Carmelo Bugeja miet fit-30 ta` Ottubru 2007 ;*

*3. Illi Maria Concetta Bugeja u zewgha Carmelo Bugeja kienu ghamlu testmenti unica charta, wiehed tad-29 ta` Awissu 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, iehor fl-24 ta` Jannar 1997 fl-atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona u iehor fl-14 ta` Jannar 2000 (in atti Not. A Sciberras Trigona (DOK A-C) ;*

*4, Illi effettivament, wara l-mewt ta` Maria Concetta Bugeja, Carmelo Bugeja sar padrun assolut ta` tliet kwarti indivizi tal-fond succitat bid-dritt ta` uzufrutt fuq ir-rimanenti kwart indiviz. Il-konvenut Carmelo sive Lino Bugeja baqa` jabita ma` missieru Carmelo Bugeja wara l-mewt ta` Maria Concetta Bugeja u l-konvivenza kienet wahda li fiha l-missier safa` mahqur mill-konvenut Carmelo sive Lino Bugeja ;*

*5. Illi wara l-mewt ta` martu Maria Concetta Bugeja, Carmelo Bugeja, wahdu, ghamel testment addizzjonali datat it-13 ta` Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona (Dok D) li permezz tieghu huwa halla b`legat lill-atturi in pjena priojeta` s-semi-detached villa, bil-gnien u garage, numru 6, li jisimha Josette, fit-Triq il-Mingel, Misrah Kolha, Attard bil-mobbli kollha ta` go fiha. It-testatur iddikjara li kien jaf li l-oggett, ossija l-proprjeta` immobbli u mobbli tal-legat, mhux kollu tieghu u ddikjara li jaf ukoll li parti minnu kienet tappartjeni lill-komunjoni ta` l-akkwisti li kellu mal-mejta martu izda ordna li dan il-legat ghandu jigi regolat mill-Kodici Civili ta` Malta ghar-rigward il-legato di cosa altrui ;*

*6. Illi permezz ta` l-istess testment, Carmelo Bugeja nnomina bhala eredi universali lill-atturi kollha waqt li lill-konvenut hallielu l-legittima spettanti lilu skond il-ligi ;*

*7. Illi ai termini tal-artiklu 696(1) l-atturi werrieta jaghzlu li jakkwistaw il-haga mhollija b`legat, vakanti minn kull abitazzjoni ta` terzi persuni.*

*Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex –*

*1. Taghti u tassenja l-haga mhollija b`legat, ossija d-dar numru 6, li jisimha Josette, fit-Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, bil-gnien u garage u bil-mobbli kollha ta` go fiha lill-atturi.*

*2. Sussegwentement tghaddi biex tordna lill-konvenut jivvaka l-fond numru 6, li jisimha Josette, fit-Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard fi zmien perentorju li tiffissalu l-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fl-4 ta` Settembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikors guramentat ipprezentat mill-atturi huwa rritu u monk u dan a tenur tal-gurisprudenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fil-kawzi fl-ismijeit Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Limited deciza mill-Onor. Imhallef Philip Sciberras tat-12 ta` Novembru 2003 u s-sentenza Adelaide Ellul et vs Modern Plastics Containers Limited deciza fit-12 ta` Novembru 2003, u dana stante l-fatt li kif anke jirrizulta mis-sentenza hawn annessa markata bhala dokument CLB1, Alexandra Mary sive Sandra Falzon xebba Bugeja li ghandha l-karta ta` l-identita` 291664M, m`hijiex parti f`din il-kawza, u kawza bhal din ma tistax tipprocedi jekk ma jkunx hemm il-partijiet u s-sidien koproprjetarji nvoluti fil-kawza ;*

*2. Illi fit-tieni lok, dak iddikjarat fis-seba` premessa tar-rikors guramentat m`huwiex korrett, u inoltre dak mitlub mill-atturi, fit-tieni talba tar-rikors guramentat ghandu jigi michud stante l-fatt li t-testment 'unica charta' tan-Nutar Pierre Cassar fit-28 ta` Awissu 1986, kienet iddispondiet* <u>*fil-Hames Artikolu*</u> *li 'B`titolu ta` legat konsegwibbli wara mewthom it-tnejn t-testaturi ihallu d-dritt tal-uzu u abitazzjoni gratwita (b`xejn / bla hlas) lil dawk fost uliedhom li f`jum il-mewt tas-superstiti tat-testaturi jkunu jabitaw fid-dar tar-residenza taghhom u jkun fi stat ta` guvni u xebba u dan sakemm jibqghu f`dan l-istat biss.'*

*Illi fil-kaz in dizamina, il-konvenut Carmel sive Lino Bugeja ghadu guvni u baqa` jghix fid-dar 6 'Josette' Triq il-Mingel Attard, kemm qabel il-mewt ta` ommu, kemm wara l-mewt ta` ommu u kif ukoll baqa` jghix fil-fond matul hajjet missieru (ma` missieru stess) u ghadu jghix go l-istess fond 6 'Josette' Triq il-Mingel Attard anke sal-mewt ta` missieru, u wara l-mewt ta` missieru, u sal-lum il-gurnata ;*

*Illi ghalhekk dan il-legat fil-Hames (5) Artikolu tat-testment tan-Nutar Pierre Cassar datat it-28 ta` Awissu 1986, gie fis-sehh u sar effettiv kif u meta miet l-istess*

*Carmelo Bugeja (snr), u dan fir-rigward tal-mejta ommhom Maria Concetta Bugeja xebba Grech, li halliet dan it-testment u halliet dan il-legat validu, liema legat irid bil-fors jigi rispettat, ghax dawn kienu x-xewqat u l-volonta` tat-testatrici Maria Concetta Bugeja xebba Grech ;*

*Illi anki l-ligi stess taht l-artikoli 712(2) u taht l-artikolu 721(2) tal-Kap. 16, jghidu li legat jigi fis-sehh, kif tigri l-kondizzjoni, liema kondizzjoni f`dan il-kaz kien, li jmutu z-zewg testaturi u li fil-gurnata tal-mewt tat-testaturi, min mit-tfal ikun ghadu guvni u/jew xebba, u jkunu qed jghixu fid-dar, ikollhom id-dritt li jghixu fid-dar u dan sakemm jibqghu f`dan l-istat civili. Illi dan fl-ahhar mill-ahhar huwa d-dritt reali ta` l-uzufrutt kif stipulat fl-artikolu 328 et seq. tal-Kap. 16.*

*Illi skond is-sentenza deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta` Carmelo Borg deciza fid-9 ta` Marzu 1994, il-Qorti ta` l-Appell kienet iddikjarat li d-dritt ta` l-uzu u abitazzjoni huma drittijiet reali kif ipprovduti fl-artikolu 328 et seq u jistghu jintilfu biss, bl-istess mod kif jigi akkwistat u jintiret l-uzufrutt skond kif ipprovdut fl-artikolu 378 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi ghalhekk, jibqa` dejjem suggett ghal dan id-dritt ta` uzu u abitazzjoni favur il-konvenut esponenti ;*

*Illi fil-kaz in dizamina, l-esponenti konvenut qieghed izomm ferm ghad-drittijiet tieghu, ghadu jezigi d-drittijiet tieghu, u ma ghamel xejn sabiex jitlef id-drittijiet tieghu.*

*Illi inoltre, irid jinghad ukoll li ghalkemm is-superstiti mit-testaturi kellu l-fakulta` li jvarja t-testment, din il-fakolta` kienet limitata biss ghall-gid tieghu, <u>u ma seta` qatt jaghmel testment sabiex ihassar ghal kollox il-</u>*

*<u>volontajiet u xewqat tat-testatrici Maria Concetta Bugeja xebba Grech</u>, liema xewqat kien jinkludi wkoll il-legat ta` l-uzu u l-abitazzjoni lil min mit-tfal jibqa` guvni jew xebba, ikollu d-dritt jghix fil-post 6 'Josette' Triq il-Mingel Attard, sakemm jibqa` / jibqghu f`dan l-istat ta` guvni u/jew xebba, kif stipulat b`mod espress, fit-testment unica charta tan-Nutar Pierre Cassar datat it-28 ta` Awissu 1986.*

*3. Illi inoltre u kif gja gie enuncjat fis-sentenza "Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et" deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Gunju 1959, il-ligi taghmel distinzjoni bejn 'il-pussess tal-legat' u 'l-proprjeta` tal-legat'. Illi ghalhekk, l-assenzjazzjoni lill-eredi pretiza mill-atturi tolqot biss il-proprjeta` u mhux il-pussess tal-legat stante l-fatt li l-pussess jinsab fil-konvenut, liema konvenut ghandu d-dritt ghal tali legat kif stipulat fit-testment unica charta' tan-Nutar Pierre Cassar fit-28 ta` Awissu 1986, u ghalhekk bla ebda mod ma jista` jidhol fil-likwidazzjoni tal-assi partikolari ta` Carmelo Bugeja (snr) ;*

*4. Illi rigwardanti l-ewwel talba attrici, din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante l-fatt li l-atturi lanqas ma ndikaw fit-talba taghhom, is-sehem li huwa proprjeta` esklussiva u indiviz tal-attur, u l-esponenti konvenut ma jrid bla ebda mod ibigh u/jew jitrasferixxi sehmu minn din il-proprjeta`. Illi l-esponenti konvenut jeccepixxi li talba bhal din u disposizzjoni ta` din in-natura kif stipulat taht l-artikolu 696 tal-Kap.12, tivvjola d-drittijiet fondamentali tal-istess konvenut esponenti u li ghalhekk, ser jintalab referenza kostituzzjonali kif ser jigi spjegat ulterjorment fil-kawza, u minhabba l-fatt li l-konvenut ma jridx ibigh u/jew jitrasferixxi sehemu indiviz, u li l-ewwel talba kif maghmula f`dan ir-rikors guramentat m`hu xejn ghajr tehid forzuz ta` proprjeta` mill-konvenuti, liema konvenut ma jridx ibigh tali sehem ;*

*5. Illi inoltre qieghed jigi eccepit ukoll, li l-ewwel talba ta` l-atturi ma tregix u ma tistax tintlaqa` u dana stante l-fatt li t-testaturi m`ilhomx mejtin aktar minn ghaxar*

*snin u ghalhekk il-proprjeta` sal-lum ma nzammitx in komun ghal ghaxar snin jew aktar, u inoltre l-artikolu 495(3)(i) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, taghmilha tassattiva li talba ta` din in-natura ma tistax issir meta hemm xi dritt ta` abitazzjoni, uzu jew uzufrutt favur persuna, fejn f`dan il-kaz ghandu tali dritt l-imsemmi konvenut esponenti ;*

*6. Illi bla pregudizzju ghal dak stipulat fl-eccezzjonijiet hawn fuq indikati, fejn il-konvenut qieghed izomm ferm mal-eccezzjonijiet hawn fuq stipulati, ghandu, jigi kkalkulat sehem il-konvenut mill-proprjeta` indiviza, inkluz il-valur tad-dritt ta` uzu u abitazzjoni u inkluz il-hlasijiet ta` arretrati ta` cens li hallas wahdu.*

*7. B`rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u b`rizerva li jigi pprezentat proceduri ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2009 (fol 32) fejn, wara talba mill-atturi, hija ordnat il-kjamata fil-kawza ta` Alexandra Mary sive` Sandra Falzon.

Rat li l-kjamata fil-kawza baqghet ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk tinsab fi stat ta` kontumacja.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Frar 2010.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn laqghet it-talba tal-atturi sabiex is-smigh tal-provi jsir u allura tinghata sentenza dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha.

Rat ukoll li f`dik l-udjenza l-partijiet qablu li l-dokumenti esebiti minn fol 5 sa fol 14 huma l-erba` testmenti li saru mill-genituri taghhom u esentaw lil xulxin mill-prova tal-awtenticita` ta` dawk l-atti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attur Joseph Bugeja (fol 39 sa 41).

Semghet il-kontroezami tal-istess Joseph Bugeja fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010 (fol 43 sa 46).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur Emanuel Bugeja (fol 50 u 51).

Semghet il-kontroezami tal-istess Emanuel Bugeja fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2010 (fol 52 sa 56).

Rat id-dokument (fol 57 u 58) li l-konvenutipprezenta fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2010.

Rat li fl-istess udjenza d-difensur tal-konvenut iddikjara li l-konvenut kien qieghed jikkontempla riferenza kostituzzjonali dwar l-istitut tal-*legato della cosa altrui.* Il-Qorti dderigiet lill-konvenut sabiex sal-udjenza ta` wara jaghmel it-talba skond il-ligi.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Frar 2011 fejn ordnat li ssir it-trattazzjoni finali tal-kawza.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi u tal-kjamata fil-kawza li kienet prezentata fil-15 ta` April 2011 (fol 60 sa 71).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut li kienet prezentata fil-5 ta` Mejju 2011 (fol 74 sa 80).

Semghet is-sottomissjonijiet finali fl-udjenza tat-12 ta` Lulju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fit-testment taghhom *unica charta* tat-28 ta` Awwissu 1986 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, il-genituri tal-partijiet, Carmelo u Maria Concetta konjugi Bugeja, iddisponew hekk fil-hames artikolu –

*B`titolu ta` legat konsegwibbli wara mewthom* ***it-tnejn it-testaturi ihallu*** ***d-dritt tal-uzu u abitazzjoni gratuita*** *(b`xejn/bla hlas) lil dawk fost uliedhom li f`jum il-mewt tas-superstiti tat-testaturi jkunu jabitaw fid-dar tar-residenza taghhom u jkun fi stat ta` guvni u xebba u dan sakemm jibqghu f`dak l-istat biss.*
(enfasi tal-Qorti).

Jirrizulta li d-dar taz-zwieg u tar-residenza tal-konjugi Bugeja kien il-fond 6 bl-isem ta` *Josette,* Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, li l-konvenut huwa guvni, kien jirrisjedi fil-fond fil-gurnata tal-mewt tal-omm, baqa` jghix

fil-fond ma` missieru kemm dam haj, u baqa` jabita fil-fond anke wara l-mewt tal-missier. Fix-xiehda taghhom bl-affidavit, l-atturi Emanuel u Joseph ahwa Bugeja jghidu li meta l-missier u huhom il-konvenut kienu jirrisjedu flimkien fil-fond de quo, il-konvenut ma kien igib ruhu sewwa ma` missieru anzi fir-rikors promotur jinghad li l-missier kien *safa` mahqur mill-konvenut.* Jekk kienx hekk tassew inkella le, mhuwiex rilevanti ghall-fini tal-azzjoni tentata mill-atturi. Rilevanti tassew ghall-kwistjoni huma fatti ohra li din il-Qorti sejra tissenjalha `l quddiem.

Fiz-zewg testmenti ta` wara l-ewwel wiehed, ukoll *unica charta*, u cioe` tal-24 ta` Jannar 1997 u tal-14 ta` Jannar 2000, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Alexander J Sceberras Trigona, it-testaturi konjugi Bugeja fl-ewwel artikolu ta` kull wiehed minn dawn iz-zewg testmenti, filwaqt li kkonfermaw it-testmenti ta` qabel, iddisponew illi fejn l-ahhar testment ma kienx jaqbel bi kwalunkwe mod ma` xi testment iehor precedenti, l-ahhar testment kellu jipprevali ghar-rigward tad-disposizzjoni ta` l-gid taghhom wara l-mewt taghhom.

Wara l-mewt ta` martu Maria Concetta, l-armel Carmelo Bugeja ghamel testament iehor fit-13 ta` Settembru 2008 fl-atti tan-Nutar Alexander J Sceberras Trigona u fl-ewwel artikolu ta` dan l-ahhar testment tieghu ddispona hekk –

*It-testatur qed ihassar kull testament li ghamel qabel dan ta` llum, kemm jekk ghamlu wahdu kif ukoll jekk ghamlu ma martu il-mibkija Maria Concetta Bugeja, illum mejta, u qed jordna li dan it-testment biss ghandu jiddetermina id-disposizzjoni ta` gidu ghal wara mewtu.*

Fit-tielet artikolu ta` dan it-testment tieghu, Carmelo Bugeja istitwixxa lil hamsa mis-sitt uliedu bhala eredi universali u padruni assoluti tal-gid kollu tieghu fi kwoti indaqs bejniethom u cioe` Joseph, Emanuel sive Noel, Alexandra sive Sandra mart Nazzareno Falzon, Doreen

mart Brian Ciantar, Claire mart Stephen Agius. Dawn huma l-atturi u l-kjamata fil-kawza. Lis-sitt wild u cioe` il-konvenut Carmelo sive` Lino halla biss l-legittima spettanti lilu skont il-ligi.

Fit-tieni artikolu tal-istess testment id-*decujus* iddispona hekk –

*It-testatur qed ihalli lil uliedu s-segwenti jigifieri Joseph, lecturer l-MCAST, Emanuel sive Noel, mastrudaxxa, Alexandra sive Sandra mart Nazzareno Falzon, Doreen mart Brian Ciantar, Clair mart Stephen Agius, b`titolu ta` legat, in pjena proprjeta, is-semi detached villa, bil-gnien u bil-garage, bin-numru sitta (6) bl-isem `Josette`, fit-Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, liema proprjeta` tmiss minn nofsinhar mabeni ta` Francis Vella mill-Lvant mal-imsemmija triq, u mill-punent ma triq ohra bla isem, bhala soggetta ghac-cens annwu u temporanju ta`Erbghin lira u tnejn u tletin centezmu u tmien millezmi, (Lm40.32,8) bil-mobbli kollha li hemm fiha u dan bid-dritt ta` sostituzzjoni volgari favur uliedhom f`kaz ta` premorjena ghat-testatur. It-testatur qed jiddikjara li jaf li l-oggett ossija il-proprjeta` immobbli u mobbli ta` dan il-legat mhux kollu tieghu u qed jiddikjara li jaf ukoll li parti minnu kienet tappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti li kellu mal-mejta martu izda jordna li dan il-legat ghandu jigi regolat mill-Kodici Civili ta` Malta ghar-rigward il-legato di cosa altrui`.* (sottolinear tal-Qorti)

Irrizulta li l-fond Josette, 6 Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Carmelo u Maria Concetta Bugeja. Meta mietet Maria Concetta, Carmelo Bugejo kiseb il-kwart indiviz tal-propjeta` tal-fond de quo bit-testment ta` martu. Infatti it-tieni artikolu tat-testment tat-28 ta` Awwissu 1986 ighid hekk –

*It-testaturi jhallu lil xulxin b`titolu ta` legat (i) l-uzufrutt generali tal-gid taghhom kollu prezenti u futuri mobbli u immobbli u jezentaw lil xulxin mill-obbligu tal-*

*inventarju u tal-garanzija (ii) <u>kwart indiviz in piena proprjeta` tal-gid kollu prezenti u futuri mobbli u immobbli.</u>* (sottolinear tal-Qorti)

Ghalhekk sakemm miet anke hu, Carmelo Bugeja kien jippossjedi in piena propjeta` tliet kwarti indivizi tal-istess fond, in kwantu ghal nofs bhala sehmu tal-komunjoni tal-akkwisti, u in kwantu ghall-kwart mill-wirt ta` martu.  L-ahhar kwart indiviz in piena propjeta` tal-istess fond kien devolut, skond it-tmien artikolu tat-testment tat-28 ta` Awwissu 1986, a favur tas-sitt uliedhom u cioe` l-erba` atturi, il-kjamata fil-kawza u l-konvenut.

Irrizulta li fis-16 ta` Novembru 2010 (ara d-digriet Nru.699/2010 tal-Qorti Civili [Gurisdizzjoni Volontarja]) il-konvenut irrinunzja ghall-wirt ta` missieru filwaqt li zamm ferm id-dritt tieghu ghal legittima (jew sehem rizervat). Ghall-ffini ta` kjarezza, iddikjara wkoll li kien accetta l-wirt ta` ommu.

Fl-isfond tal-premess, ghandu jinghad li d-dritt ta` uzu u ta` abitazzjoni tal-fond 6, bl-isem ta` *Josette,* Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, li kien kostitwit bit-testment tat-28 ta` Gunju 1986 mit-testatrici Maria Concetta Bugeja, u li minnu seta` jibbenefika biss il-konvenut, ghax baqa` guvni u baqa` jirrisjedi fil-fond de quo, baqa` fis-sehh, anke wara li Carmelo Bugeja bidel it-testment tieghu wara l-mewt ta` martu.  Id-dritt tal-uzu u abitazzjoni li nholoq bit-testment fuq riferit huwa dritt reali skond l-Art.392 tal-Kap.16.  Ghalhekk ghad illi Carmelo Bugeja irrevoka l-parti tieghu tat-testment *unica charta* wara l-mewt ta` martu, id-dritt tal-uzu u abitazzjoni a favur ta` l-konvenut li kien kostitwit bis-sahha tat-testment ta` Maria Concetta Bugeja baqa` veljanti.

**<u>L-Art.696 tal-Kap.16</u>** jaqra hekk –

*(1) Il-legat tal-haga ta` haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu; f`dan il-kaz il-werriet jista` jaghzel jew li <u>jakkwista l-haga mhollija b`legat sabiex ighaddiha lil-legatarju</u>, jew <u>li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha</u>.*

*(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b`legat, ghalkemm tkun ta` haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta` dik il-haga huwa validu.*

<u>**L-Art.698 tal-Kap.16**</u> jaqra hekk –

*Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha.*

Fit-testment tieghu tat-13 ta` Settembru 2005, Carmelo Bugeja iddispona wkoll mill-kwart indiviz li kien ta` martu meta halla b`legat lill-hames uliedu (bl-eskluzjoni tal-konvenut) il-fond 6, 'Josette', Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, billi ddikjara l-fond ma kienx jappartjeni lilu fl-intier tieghu.

Ghalkemm it-testatur mexa mal-Art.696 tal-Kap.16 ghal dak li jirrigwarda l-validita` tad-disposizzjoni, l-istess disposizzjoni pero` titfa` fuq l-eredi obbligazzjonijiet jekk kemm-il darba huma jiddeciedu li jakkwistaw il-legat imholli lill-legatarju.

Fir-rikors promotorju, l-atturi jghidu '*illi ai termini tal-artiklu 696(1) l-atturi werrieta jaghzlu li jakkwistaw il-haga mhollija b`legat, vakanti minn kull abitazzjoni ta` terzi persuni*`.

B'daqshekk pero` mhux qieghed jigi sodisfatt il-vot tal-Art.696(1) tal-Kap.16 ghaliex kif rajna dik il-parti li ma tkunx tappartjeni lit-testatur, dment illi dan gie dikjarat fit-testment stess, trid tintradd lill-legatarju, u jekk l-eredi jiddeciedi li ma jghaddix il-haga lil-legatarju, huwa obbligat li jhallsu l-valur gust tal-haga mhollija b`legat.

L-atturi talbu lill-Qorti fl-ewwel lok sabiex '*taghti u tassenja* lilhom *l-haga mhollija b`legat, ossija d-dar numru 6 li jisimiha Josette, fit-Triq il-Mingel, Misrah Kola, Attard, bil-gnien u garage u bil-mobbli kollha ta` go fiha'* u fit-tieni lok talbuha tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess fond fi zmien perentorju litistabilixxi l-Qorti.

Mhux kontestat li l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom.

Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi l-atturi ma ghamlu l-ebda dikjarazzjoni, kif jirrikjedi l-Art.696(1) tal-Kap.16, illi huma kienu lesti li jikkumpensaw lill-konvenut tal-legat ta` uzu u ta` abitazzjoni, u ta` sehemu (indaqs bhall-hames hutu l-ohra) mill-kwart indiviz tal-fond in kwistjoni li ddevolvew favur tieghu skond it-testment ta` Maria Concetta Bugeja tat-28 ta` Gunju 1986. Ghalkemm l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom, qeghdin jirrifjutaw li jaghtu lill-konvenut dak li lilu jispetta mill-wirt tal-omm kontra dak li jipprevedi l-Art.732 tal-Kap.16. Sabiex l-Art.696(1) isib applikazzjoni fl-interezza tieghu, l-atturi kienu fl-obbligu, ladarba ghazlu li jakkwistaw ghalihom il-legat tal-fond in kwistjoni, li jaghtu valur gust lil dak li l-konvenut kien kiseb fir-rigward tal-istess fond mill-wirt tal-omm. Mhux biss dan ma jirrizultax illi sar izda l-atturi kjarament qeghdin jeskludu b`mod assolut illi ghandhom jaghmlu dan.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi**

**tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghajr ghall-ewwel eccezzjoni li kienet sorvolata bil-kjamata fil-kawza ta` Alexandra Mary sive` Sandra Falzon, tichad it-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------